MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1/2005/2

**Stephen Koluntrovic**
**(ID:2007276 P)**
**Vs**
**Maria Dolores armla minn William Micallef, Peter Micallef u Dottor Paul Micallef f'ismu propju u bhala mandatorju tal-assenti Elenora sive Noreen Leone Ganado**

**Il-Bord**

Ra c-citazzjoni in ezami illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat jintalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju, 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

Illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta’ liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni.

Illi, ghalhekk, kontestwalment, huwa ppresenta citazzjoni fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta’ zgumbrament in kwistjoni u dan ai termini ta’ l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi skond id-dispozzjoni tal-Kap. 12 relattivi ghal din it-tip ta’ azzjoni, ritrattazzjoni ma ggibx maghha s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni ta’ sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

Illi pero l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 jaghti poter lil din il-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni ta’ tali esekuzzjoni.

Illi jezistu cirkostanzi biex jimmeritaw tali sospensjoni. Il-fond li minnu qed jintalab jigi zgumbrat l-attur hija l-unika fond ta’ residenza ta’ l-attur u kwindi jekk jigi zgumbrat l-attur m’ghandux fejn jirrisjedi. Min-naha l-ohra l-konvenuti mhux qed jitolbu r-ripreza tal-fond in kwistjoni sabiex jghixu fih u ghalhekk huwa evidenti illi jekk l-attur jigi zgumbrat ser isofri aktar pregudizzju milli jsofru l-konvenut jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza u dan kif kontemplat fl-artikolu 823(1) tal-Kap. 12.

Illi kontestwalment huwa qieghed jiddeposita kopja tac-cavetta ta’ l-imsemmi fond taht l-awtorita’ tal-Qorti bhala garanzija kif mitlub mill-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12 u lest li jaghti kwalunkwe garanzija ohra li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

i. Tordna s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet inversi moghtija fl-14 ta’ Mejju 2005 mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) (Rikors numru 16/2005) sakemm tigi deciza r-ritrattazzjoni li giet ippresentata kontestwalment mal-presenti.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni

1. illi l-attur ghadu kif gie notifikat b'mandat ta' zgumbrament fl-ismijiet inversi numru 1034/05 (Dok A) skond liema mandat intalab jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

2. illi mill-imsemmi mandat jidher illi fl-14 ta' Mejju 2005 giet deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera (Mag. J. Cassar) sentenza fl-ismijiet inversi (Rikors numru 16/2005) (Dok B) fejn l-attur gie ordnat jizgombra mill-fond Flat 1, Dr Rohan Flats, 19, Philip Sciberras Square, Floriana.

3. illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur li ta lok ghas-sentenza a bazi ta' liema qed jintalab l-izgumbrament in kwistjoni.

4. illi ghalhekk, kontestwalment, huwa ppresenta citazzjoni fejn qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet inversi li tat lok ghall-mandat ta' zgumbrament in kwistjoni u dan ai temini ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Liigijiet ta' Malta.

5. illi skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 relattivi ghal din it-tip ta' azzjoni, ritrattazzjoni ma ggibx maghha s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni ta' sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

6. illi pero l-artikolu 823(2) tal-Kap. 12 jaghti poter lil din il-Qorti sabiex tordna s-sospensjoni ta' tali esekuzzjoni.

7. illi jezistu cirkostanzi biex jimmeritaw tali sospensjoni. Il-fond li minnu qed jintalab li jigu zgumbrat l-attur hija l-unika fond residenza ta' l-attur u kwindi jekk jigi zgumbrat l-attur m'ghandux fejn jirrisjedi. Min-naha l-ohra l-konvenuti mhux qed jitolbu r-ripreza tal-fond in kwistjoni sabiex jghixu fih u ghalhekk huwa evidenti illi jekk l-attur jigi zgumbrat ser isofri aktar pregudizzju milli jsofru l-

konvenut jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza u dan kif kontemplat fl-artikolu 823(1) tal-Kap. 12.

8. illi kontestwalment huwa qieghed jiddeposita kopja tac-cavetta ta' l-imsemmi fond taht l-awtorita' tal-Qorti bhala garanzija kif mitlub mill-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12 u lest li jaghti kwalunkwe garanzija ohra li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Ra il-lista ta' xhieda

Ra l-atti kollha tal-kaz kif ukoll dawk tac-citazzjoni numru 2/2005 JAB deciza llum stess.

Filwaqt li jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija illum stess b'referenza ghac-citazzjoni indikata u ghar-ragunijiet hemm indikati, il-Bord jastjeni milli jiehu konjuzzjoni ulterjuri ta' din ic-citazzjoni waqt li l-ispejjez jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------